



L-Aħjar Prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi

Kategorija tal-prassi: L-Implimentazzjoni ta' Għodod għat-Taħriġ li Jiffavorixxu l-Applikazzjoni Korretta tad-Dritt tal-UE u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali

Tip ta' prassi: L-Aħjar Prassi

Istitut: Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)

April, 2014

Isem tal-prassi	THEMIS
<i>Karatteristiċi ewlenin:</i>	<p>Il-kompetizzjoni THEMIS inħolqot mill-INM tar-Rumanija u mis-CEJ tal-Portugall fl-2006, u mbagħad fl-2010 ġiet integrata fil-qafas tal-EJTN.</p> <p>Hija għandha fil-mira lill-imħallfin apprendisti u lill-prosekuturi pubbliċi apprendisti, imqassma f'timijiet nazzjonali ta' tlieta min-nies. Persuna tiġi kkunsidrata apprendist jekk din titqies bħala tali skont il-liġi nazzjonali tagħha u jekk din ma tkunx attendiet għall-attivitajiet ta' taħriġ inizjali għal aktar minn sentejn. Kwalunkwe pajjiż fejn il-kunċett ta' "apprendist" ma jeżistix jista' jipparteċipa b'tim magħmul minn maġistrati (imħallfin u/jew prosekuturi pubbliċi) li, fid-data meta tibda l-kompetizzjoni, ikunu għadhom fl-ewwel sena tas-servizz, u tali sena tkun tibda mid-data li fiha nħatru bħala mħallef jew prosekutur pubbliku, irrispettivament minn jekk dawn kinux jeżerċitaw il-kariga tagħhom fid-data inkwistjoni. Attwalment, il-format tal-kompetizzjoni huwa kif ġej:</p> <p>THEMIS tinkludi żewġ stadji: is-semi-finali u l-Gran Finali. L-erba' stadji tas-semi-finali jippermettu li jkun hemm massimu ta' 11-il tim għal kull waħda, u r-rebbieħa ta' kull kategorija kif ukoll dawk li jiġu t-tieni jkollhom l-opportunità li jikkompetu fil-Gran Finali.</p> <p>Meta jirreġistraw għas-semi-finali, it-timijiet li jkunu se jieħdu sehem, jagħżlu suġġett li jaqa' taħt waħda mill-kategoriji tematiċi tal-kompetizzjoni. Kull waħda mill-erba' semi-finali tindirizza kategorija minn dawn ta' hawn taħt: a) il-Kooperazzjoni Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali; b) il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi Kwistjonijiet Ċivili; c) l-Interpretazzjoni u l-Applikazzjoni tal-Artikoli 5 jew 6 tal-KEDB u d) l-Etika u d-Deontoloġija tal-Maġistrati.</p>

Kull tim irid iħejji dokument miktub fuq kwalunkwe suġġett li jaqa' taħt il-kategorija magħżula għas-semi-finali tiegħu. Dan id-dokument jintbagħat lill-membri kollha tal-ġurija (tlieta għal kull suġġett), kemm jista' jkun minn qabel.

Matul is-semi-finali, kull tim għandu mhux aktar minn 30 minuta biex jagħti preżentazzjoni orali tad-dokument tiegħu. Din il-preżentazzjoni tinvolvi lill-membri kollha tat-tim u matulha jistgħu jużaw kwalunkwe tip ta' teknoloġija awdjoviżiva.

Eżatt wara l-preżentazzjoni, tim ieħor milli jkun qed jieħu sehem (li jintgħażel għall-għarrieda) ikun intitolat jistaqsi tliet mistoqsijiet lit-tim li jkun ippreżenta. Wara li jingħataw it-tweġibiet, il-ġurija tibda diskussjoni mat-tim dwar il-kontenut tad-dokument u tal-preżentazzjoni orali, li ddum għaddejja 30 minuta oħra. Kull membru tat-tim irid jagħti sehem b'mod kemm jista' jkun ugwali matul id-diskussjoni.

F'kull semi-finali, il-ġurija tagħżel tim bħala rebbieħ tal-kategorija u ieħor li jiġi fit-tieni post fil-kategorija. Iż-żewġ timijiet li jintgħażlu b'dan il-mod ikomplu għall-Gran Finali, li b'kollox tkun tinkludi tmien timijiet.

Il-Ġurija tal-Gran Finali tkun magħmula minn tliet membri tal-ġurija u l-kategorija tematika li tkun trid tiġi indirizzata matul dan l-avveniment, tintgħażel għall-għarrieda mill-erbgħa indikati hawn fuq.

Matul il-finali, kull finalist jintalab iħejji rapport bil-miktub dwar mistoqsija Prattika Ġuridika komuni li tingħatalhom mill-ġurija, eżatt wara ċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-Gran Finali. Dan ir-rapport bil-miktub irid jitlesta u jiġi ppreżentat lill-organizzaturi ta' THEMIS saż-żmien stipulat.

Kull tim irid jipparteċipa f'dibattitu quddiem il-Ġurija, flimkien ma' tim ieħor li jkun qed jieħu sehem fil-kompetizzjoni, u matulu, kull membru jintalab jieħu pożizzjoni opposta fir-rigward ta' studju tal-każ jew suġġett partikolari. Dan jiġi kkomunikat lilhom ġimagħtejn qabel il-finali. Kull par timijiet jiddiskuti każ differenti.

Fl-aħħar ta' kull jum ta' xogħol u skont l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-organizzaturi, kull tim iħejji u jgħaddi lill-ġurija, fajl bl-osservazzjonijiet li jikkonċernaw kull dibattitu li t-tim ma jkunx ħa sehem fih dakinhar. Dan il-fajl irid ikun fih feedback kostruttiv, l-opinjoni tat-tim dwar l-approċċ adottat mit-timijiet li jkunu pparteċipaw fid-dibattitu u kwalunkwe kumment kostruttiv ieħor li jkunu jixtiequ jagħmlu.

Il-Ġurija tivvaluta l-prestazzjoni ġenerali tal-parteċipanti fir-rapport miktub, id-dibattitu u l-fajls bl-osservazzjonijiet skont il-kriterji li ġejjin

	<p>(fejn xieraq):</p> <ul style="list-style-type: none"> - l-oriġinalità - ir-referenza għall-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem - l-istandards tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-etika u d-deontoloġija tal-imħallfin u l-prosekuturi - analiżi fil-fond tad-dibattiti Ewropej l-aktar riċenti dwar l-etika u d-dritt tal-UE - l-antiċipazzjoni ta' soluzzjonijiet futuri - il-ħsieb kritiku - il-ħiliet ta' komunikazzjoni - iċ-ċarezza, l-attrazzenza u s-saħħa tal-perswazzjoni tal-ħiliet orali u l-konsistenza <p>Imbagħad il-Ġurija tiddikjara wieħed mit-timijiet li jkunu qed jikkompetu bħala r-rebbieħ THEMIS.</p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa l-kapaċitajiet relatati mal-professjoni futura tal-parteċipanti, bħalma huma l-ħiliet ta' komunikazzjoni, il-kapaċità li jiddibattu, il-ħsieb kritiku u analitiku, ir-raġunament loġiku u l-kitba ġuridika xierqa.</p> <p>L-avveniment għandu l-għan ukoll li jiżviluppa ulterjorment il-kuntatti professjonali, l-esperjenzi u r-relazzjonijiet bejn l-apprendisti l-ġodda u l-ħarrieġa tagħhom. Din l-attività tagħti opportunità unika lill-apprendisti jiddiskutu l-ideat tagħhom dwar is-suġġetti magħżula ma' esperti magħrufa f'forum internazzjonali.</p>
<p><i>Hoġqa diretta disponibbli</i></p>	<p>http://www.ejtn.eu/en/About/THEMIS11/</p>
<p><i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i></p>	<p>Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN) Rue du Commerce 123 1000 Brussell Il-Belġju Telefon: + 32 2 280 22 42 Faks: + 32 2 280 22 36 Posta elettronika: ejtn@ejtn.eu Websajt: http://www.ejtn.eu</p>
<p><i>Kummenti oħrajn</i></p>	<p>Il-mudell tas-semi-finali, kif deskritt hawn fuq, baqa' kważi l-istess sa minn meta nħoloq. Fil-verità hija tikkonsisti f'seminar li jinbena bil-maqlub.</p> <p>F'dan il-każ, il-parteċipanti huma daww responsabbli mill-għażla u l-</p>

preżentazzjoni tas-suġġetti li jixtiequ jittrattaw (għalkemm dawn iridu jintgħażlu minn għadd limitat ta' temi ġeneriċi magħżula minn qabel), filwaqt li huwa f'idejn l-esperti (il-membri tal-ġurija) li jmexxu d-diskussjoni ta' segwitu li tenfasizza l-elementi prinċipali tal-preżentazzjoni.

Din l-**AĦJAR PRASSI** idealment tiġi ttrasferita għal livell nazzjonali fl-għamla ta' kompetizzjoni preparatorja nazzjonali marbuta mal-kompetizzjoni THEMIS tal-EJTN (eżamijiet eliminatorji nazzjonali) jew inkella tista' tiġi applikata għal kwalunkwe qasam ieħor ta' taħriġ li fih l-apprendisti jeħtieġu jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom ta' preżentazzjoni u ta' argumentazzjoni.

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prassi fit-taħriġ tal-imħallfin u tal-prosekuturi*", magħmul min-*Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)*